*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-27 ta' Mejju 2020 fil-Każ R 1893/2019-1

## Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata u tiċħad it-talba għal revoka tat-trade mark ikkontestata Nru 9 369 489 HALLOWIENER.

## Motiv invokat

— Ksur tal-Artikolu 58(1)(a) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fl-10 ta' Awwissu 2020 – Munich vs EUIPO – Tone Watch (MUNICH10A.T.M.)**

**(Kawża T-502/20)**

(2020/C 329/39)

*Lingwa tar-rikors: l-Ispanjol*

## Partijiet

*Rikorrent:* Munich, SL (La Torre de Claramunt, Spanja) (rappreżentant: M. Guix Vilanova, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Tone Watch, SL (Madrid, Spanja)

## Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

*Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark verbali "MUNICH10A.T.M." – Trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 10 727 899

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-25 ta' Marzu 2020 fil-Każ R 2472/2018-4

## Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata u tiddikjara l-invalidità tat-trade mark Komunitarja MUNICH10A.T. M. nº 10 727 899, li hija proprjetà ta' Importaciones Issar, SL, f'dak li jirrigwarda l-prodotti fil-klassijiet 9 (Nuċċalijiet tax-xemx), 14 (Oġġetti li juru l-ħin u strumenti tal-ħin, Kaxxetti għall-arloġġi [preżentazzjoni]) u 35 (Bejgħ bl-ingrossa, bl-imnut u permezz ta' networks tal-kompjuter globali ta' nuċċalijiet tax-xemx, metalli prezzjużi u l-ligi tagħhom, ġojjellerija, ġojjellerija falza, arloġġi u strumenti tal-ħin) tal-Klassifikazzjoni ta' Nice, filwaqt li tikkonferma l-imsemmija deċiżjoni sa fejn tiddikjara l-invalidità tas-servizzi fil-klassi 35(Reklamar, ġestjoni ta' negozju, amministrazzjoni ta' negozju, u funzjonijiet tal-uffiċċju), billi tilqa' l-appell inċidentali u billi tannulla l-prodotti fil-klassijiet 14, jiġifieri, metalli prezzjużi u l-ligi tagħhom prodotti minn dawn il-materjali jew indurati mhux inklużi fi klassijiet oħra, u 35, jiġifieri l-kiri ta' distributuri awtomatiċi intiżi għall-bejgħ u tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motivi invokati**

— Id-deċiżjoni kkontestata tiċħad ir-reputazzjoni tat-trade marks preċedenti li għandhom l-element komuni "MUNICH" u fiha jiġi deċiż b'mod żbaljat li l-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 2017/1001 ma huwiex applikabbli f'dan il-każ;

— Teżisti probabbiltà ta' konfużjoni fi ħdan il-pubbliku bejn it-trade marks kunfliġġenti;

— L-interpretazzjoni mogħtija mid-deċiżjoni kkontestata għaċ-ċaħda tal-appell inċidentali mressaq mir-rikorrenti, jiġifieri li dan ma ġiex ippreżentat permezz ta' dokument separat, hija eżaġerazzjoni formali restrittiva ħafna, peress li jista' jidher b'mod ċar u espliċitu li dan l-appell inċidentali seħħ, u tipprekludi lir-rikorrenti milli teżerċita d-drittijiet tad-difiża tagħha.

---

**Rikors ippreżentat fl-10 ta' Awwissu 2020 – "T i D Kontrolni sistemi" vs EUIPO – Sigmatron (Apparat u mezzi ta' senjalazzjoni)**

**(Kawża T-503/20)**

(2020/C 329/40)

*Lingwa tar-rikors: il-Bulgaru*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* "T i D Kontrolni sistemi" EOOD (Varna, il-Bulgarija) (rappreżentant: P. Priparzhenski, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* "Sigmatron" EOOD (Sofija, il-Bulgarija)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrenti

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* id-disinn industrijali Komunitarju 3065887-0001 (Apparat u mezzi ta' senjalazzjoni)

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-30 ta' April 2020 fil-Każ R 956/2019-3

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata fl-intier tagħha;

— tikkundanna lil "Sigmatron" EOOD għall-ispejjeż sostnuti mir-rikorrenti fil-kuntest tal-kawża, li jammontaw għal EUR 47 000, skont il-lista bl-ispejjeż annessa mar-rikors.

**Motivi invokati**

— Ksur tal-Artikolu 28(1) u tal-Artikolu 30(1) tar-Regolament Nru 2245/2002 u tal-Artikolu 52 tar-Regolament Nru 6/2002;

— Ksur tal-Artikolu 6(1)(b) flimkien mal-Artikolu 25(1)(b) tar-Regolament Nru 6/2002 u tal-prassi stabbilita tal-EUIPO fl-applikazzjoni tagħhom.

---